MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 39/K5/2009 |
| Data: | Il-Gimgħa, 22 ta' Mejju 2009 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | 5.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Dr. Alex Sciberras |
| | Il-Vici Sindku: | Sur Emanuel Abela |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat<br>Sur Joseph Demarco<br>Sur Maurice Agius<br>Sinjura Maryanne Cuomo<br>Dr. Carmelo Grima |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju, 2009. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 38/K5/2008.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Approvazjoni tal-*Financial Statements 2008-2009*.
5. Approvazjoni tal-Budget Finanzjarju għas-sena 2009-2010.
6. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Purchase Request Sheet.
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.

**Seduta Nru 39/K5/2008**

**Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 38/K5/2009**

1450. Dr. Grima qal li huwa ġie mniżżel bħala assenti fil-minuti tas-Seduta 38/K5/2009. Huwa irrimarka li kien informa lill-Kunsilliera M Cuomo biex tinforma lil Kunsill illi huwa kellu jkun Skużat.

1451. Dwar minuta 1444, M Agius qal li l-bollard li huwa ressaq għall-approvazjoni hija dik ta' numru 4, fi Triq il-Makna tas-Serrar, u mhux fi Triq il-{dida.

1452. Dwar minuta 1445, M Agius qal li huwa kien propona li jsiru ukoll double yellow line markings quddiem il-garaxxijiet fi Triq San Lwigi.

1453. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. M Agius issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

1454. Dwar minuta 1418, Dr Grima saqsa jekk l-Awtorita Marittima kienetx bgħatet risposta lura. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li ma kien hemm l-ebda risposta. Is-Sindku qal li dan huwa tal-mistħija li Kunsill Lokali ma jingħatax tweġiba. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nibgħatu l-ittra reġistrata.

1455. Dwar minuta 1421, Dr Grima saqsa l-għala l-uffiċjali tal-Ministeru tal-Ambjent ma jridx jitfi s-skatepark wara l-ħdax ta' filgħaxija. Is-Segretarju qal li huwa infurmat illi l-Uffiċjal jippreferi jbaxxi d-dwal milli jitfihom, għax jekk dawn jintfew jista jkun hemm aktar abbuż ta' droga u vandaliżmu fil-post.

1456. Dr Grima saqsa jekk kienetx saret il-laqgħa mal-Pulizija dwar il-ħruġ ta' karozzi mil-garaxxijiet waqt l-għeluq ta' Triq l-Iskola. Is-Segretarju qal li laqgħa ma saritx, pero jaf illi l-Pulizija qed ikunu *flexible* f'din il-materja għax huwa stess ra lil Pulizija jimxu ma karozza biex toħrog mit-triq waqt il-ħinijiet ta' għeluq ta' Triq l-Iskola.

1457. Dwar minuta 1427, E Abela saqsa jekk hux ser issir il-konferenza stampa. Is-Sindku qal li la darba jidher li bdew xi xogħlijiet, ma jħossx li huwa sensibli li jsiru konferenzi stampa. Is-Sindku kompla billi qal li l-għan tal-Kunsill dejjem kien li x-xogħlijiet jibdew, u xejn ulterjuri.

1458. Dwar minuta 1428, M Agius saqsa meta ser jinżebgħu l-marki ta' wheelchair fir-*Reserved Parking Bays* ta' Triq il-Gdida. Is-Segretarju qal li dawn ġew ordnati lill-kuntrattur.

1459. M Agius saqsa jekk l-istima ta’ Triq il-Punent, hekk kif msemmi f’minuta 1437 saritx; hekk kif ukoll sarx ix-xogħol fuq it-taraġ msemmi f’minuta 1438 biex dan ma jibqax jiżloq. Is-Segretarju stqarr li l-istima ma saritx, filwaqt li x-xogħol fuq it-taraġ kien tlesta.

1460. Dwar minuta 1440, Dr Grima saqsa hemmx xi ħjiel mill-ADT jekk Triq ta’ Xmiexi hux ser tinfetaħ. Is-Sindku qal li fuq l-art in kwistjoni hemm każ il-Qorti, u għaldaqstant irid jinqata dan il-kaz biex l-ADT tkun tista tmexxi. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab ħafna drabi għal laqgħa mal-Ministru fuq din il-materja, iżda din il-laqgħa qatt ma ġiet milqugħa.

1461. E Abela preżenta ktieb lill-Kunsill Lokali bħala tifkira għall-aħħar laqgħa tal-ħames leġislatura tal-Kunsill Lokali Msida.

1462. M Cuomo ħarġet mil-laqgħa. Ħin:16.00

**Punt 3 Korrispondenza**

1463. 0931 - Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li la diġa teżisti Un/Loading bay fi Triq Prinċipessa Margerita, u la din tista’ tintuża mil-ħwienet kollha tat-triq, ma għandiex issir oħra. Il-Kunsill iżda qabel li l-Uffiċjal Awtorizzat jiġi infurmat illi jista jkun qed isir abbuż mill-Un/Loading bay preżenti, biex b’hekk isir infurzar biex din tista’ tiġi użata min kulħadd.

1464. 0673 - Is-Sindku qara l-ittra. M Agius u Dr Grima infurmaw lill-Kunsill li huma mhux ser ikunu jistgħu jattendu għal viżita tal-Kap tal-Oppozizjoni fi ħdan iċ-~entru ~iviku.

1465. 0900 - Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li din tingħata għall-attenzjoni tal-Avukat tal-Kunsill.

1466. 0856 - Is-Sindku ressaq petizjoni li ġiet preżentata fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali min Capt. George Kissaun. Is-Sindku qara l-petizjoni kontra l-immaniġjar tat-traffiku ġdid li l-Kunsill implimenta nhar il-15 ta’ Mejju 2009 fl-inħawi tal-Qroqq. Fil-petizjoni hemm 42 firma, avolja jidher li ma hemmx il-firma ta’ Capt. George Kissaun. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lir-residenti li ffirmaw din il-petizjoni illi:

(a) din is-sistema ġiet implimentata wara diversi xhur ta’ konsultazjoni
(b) ser jiġu mqegħda tabelli ta’ ‘*No Entry for Heavy Vehicles*’
(c) u li s-sistema hija fuq bażi ta’ prova ta’ tlett xhur.

Dr Grima sostna li din id-deċizjoni ittieħdet b’mod kolletiv tal-Kunsill Lokali, u esieġa li r-residenti li iffirmaw din il-petizjoni jiġu infurmati dwar dan kollhu minnufih.

1467. 0809 - Is-Sindku spjega li din il-korrispondenza hija dwar talba għal danni fuq vettura fi Triq Santa Venera. Il-Kunsill qabel li jsir il-ħlas ta' €95.59.

1468. 0905 - Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li nopponu l-applikazjoni għat-tqegħid ta' pavimentar u mwejjed, minflok parking bay, faċċata tal-ħanut *Slipway Lounge* fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex.

1469. Is-Sindku preżenta ittra indirizzata lill-Kunsillier M Agius sabiex isiru xogħlijiet minuri fil-ġnien ta' Triq Victor Denaro biex ikun hemm kenn għal-qtates. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol, filwaqt li wera x-xewqa li l-għaqda li kitbet l-ittra tidħol sħab mal-Kunsill Lokali biex dawn il-qtates jiġu msewwija.

1470. Dr Grima saqsa dwar il-kontenut ta' korrispondenza numru 760. Is-Segretarju qal li dan huwa l-permess tal-ADT sabiex isir it-tibdil fl-immaniġjar tat-traffiku f'Tal-Qroqq.

1471. Dr Grima talab kjarifika dwar il-kontenut ta' korrispondenza numru 810. Is-Segretarju qal li hawn il-kumpanija *Gasan Mamo Insurance* saqsiet lil Kunsill Lokali jekk Triq il-Gostra hix ikkunsidrata bħala triq prinċipali.

1472. Dr Grima saqsa dwar il-kontenut ta' korrispondenza numru 819. Is-Segretarju qal li l-kumpanija ITS Ltd. Bgħatet il-*userkey* ġdida għas-*software* 'Evolution', li huwa s-software tal-*fixed assets* li juża l-Kunsill Lokali.

1473. Dr Grima saqsa ikun mgħarraf dwar il-kontenut ta' korrispondenza numru 836. J Demarco qal li hawn resident beda jilmenta dwar l-immaniġjar tat-traffiku ġdid fi Triq ta' Bieb it-Torri.

1474. M Agius saqsa ikun mgħarraf dwar il-kontenut ta' korrispondenza numru 0841. Is-Segretarju qal li hawn ir-resident beda jirringrazja lill-Kunsill Lokali għat-tibdiliet li saru fl-immaniġjar tat-traffiku fl-inħawi tal-Qroqq.

1475. E Brincat talab li tinqara korrispondenza numru 929. Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li jisponsorja l-attivita billi jgħati trophies.

1476. 0861 - Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li jiġu mqegħda żewġ *portable toilets* fejn l-iskola tal-gvern u ieħor fejn il-Kuleġġ G.F.Abela għal jum l-elezjoni.

1477. Dwar korrispondenza numru 0927, li hija artiklu li kiteb l-Kunsillier Dr Grima fuq il-ġurnal 'Il-Mument', E Brincat qal li Dr Grima għandu jifli il-file tal-binja u jinduna li l-pjanti dak iż-żmien ma kienux aċċessibli għall-persuni b'diżabilta'. Is-Sindku kompla u qal li ma kien hemm xejn lest għal-binja, laqqas id-devoluzjoni tal-art. Filfatt, it-tender li semma Dr Grima fl-artiklu kellu jiġi irtirat mil-ħames leġislatura wara li d-Dipartiment għal-Gvern Lokali informa lil Kunsill illi dan kien inħareg b'mod irregolari.

1478. Il-laqgħa ġiet sospiza. Ħin: 18.50

1479. Il-laqgħa kompliet. Ħin: 19.00

**Punt 4 Approvazjoni tal-*Financial Statements 2008-2009***

1480. Is-Sindku preżenta il-Financial Statements għas-sena finanzjarja 2008-2009. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' kopja tal-Financial Statements lil kull Kunsillier. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv spjegaw il-Financial Statements paġna, paġna, fejn ġie rimarkat fost l-oħrajn li s-sena finanzjarja għalqet bi profitt ta' €103,325 u assi tal-Kunsill bil-valur ta' €1,128,562. Is-Segretarju Eżekuttiv qassam ukoll rendikont dettaljat tad-Debituri u Kredituri sa Marzu 2009.

1481. Is-Sindku ressaq il-Financial Statements 2008-2009 għall-approvazjoni. M Agius issekonda. Il-Financial Statements ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**Punt 5 Approvazjoni tal-Budget Finanzjarju għas-sena 2009-2010**

1482. Is-Sindku preżenta l-Budget għas-sena 2009-2010. Is-Sindku spjega li dan il-Budget huwa ġenerali ħafna, u huwa ibbazzat fuq l-ispejjes li saru fis-sena 2008-2009. Għaldaqstant, ma fih l-ebda budget għal spejjes kapitali ġodda peress li dawn għandhom jiġu deċiżi mis-sitt leġislatura tal-Kunsill.

1483. Is-Sindku ressaq il-Budget 2009-2010 għall-approvazjoni. E Abela issekonda. Il-Budget għas-sena 2009-2010 ġie approvat.

**Punt 6 Affarijiet oħra jekk urġenti**

1484. E Abela propona li tiġi installata CCTV camera fir-reception tal-Kunsill Lokali.

1485. Dr Grima propona li tiġi mwaħħla tabella ta' 'Give Way' fi Triq it-Torri

1486. M Agius qal li għanda ssir *Sleeping Police* fi Triq Innoċenz Zammit.

1487. M Agius qal li għanda teħel mera bejn Triq Dionisju Famuċelli u Innoċenz Zammit

1488. M Agius propona li teħel *notice board* tal-Kunsill fi Triq Innoċenz Zammit

1489. M Agius qal li għandhom jeħlu bins fi Triq Jhonny Catania,

1490. M Agius qal li għandhom jeħlu tabelli ta' 'No Entry' fi Triq it-Torri, wara l-Lautier qabel il-main road.

1491. M Agius qal li għandhom jitnadfu il-culverts ta' quddiem il-Junior College.

1492. M AGius qal li għanda teħel *Sleeping Police* fil-bidu ta' triq Nazju Falzon.

1493. J Demarco qal li għanda teħel xibka, li sservi bħala saqaf għall-football ground il-ġdid fil-ġnien tas-Swatar.

Approvati llum ________________________________________

| | |
|---|---|
| Dott. Alexander Sciberras | Matthew Dimech |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |